MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2009

Numru. 33/2007

**IL-PULIZIJA
SPETTUR STEPHEN MALLIA**

**KONTRA**

**KENNETH BORG ta’ 31 sena, iben Anthony u Pauline nee’ Debattista, imwieled Attard nhar l-4 ta’ Gunju, 1977, residenti fil-fond Soler Complex, Block D, Flat 21A, Triq il-Gwiebi, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 310177M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **KENNETH BORG** li gie akkuzat talli:

1. Nhar il-11 ta’ Mejju, 2005, f’xi hin bejn nofs in-nhar u t-tlieta u nofs ta’ wara nofs in-nhar, fil-Mosta, ikkommetta serq ta’ pouch tal-marka Adidas li kien fih camera tar-

ritratti digitali tal-marka Konika Minolta mudell Revio C2 bin-numru serjali mhux maghruf b'valur ta' Lm99, mazz cwievet, kif ukoll diversi dokumenti li kienu jikkonsistu f'karta ta' l-identita' tal-Korp tal-Pulizija bin-numru ta' PC 702, karta ta' l-identita' bin-numru 284581M, u licenzja tas-sewqan f'isem Jonathan Ransley, u credit card tal-HSBC bin-numru serjali mhux maghruf, minn go vettura tal-marka Toyota Tercel bin-numru tar-registrazzjoni JLR 002, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jaqbez il-Lm100, u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Jonathan Ransley u Lorenza Maria Ransley mill-Imsida;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara hija ta' izjed minn ghaxar liri Maltin (Lm10.00), izda inqas minn hamsin lira Maltin (Lm50.00), u cioe' fl-istess vettura tal-marka Toyota Tercel bin-numru tar-registrazzjoni JLR 002 ghad-detriment ta' Jonathan Ransley u Lorenza Maria Ransley mill-Mosta;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun , indahal biex ibieghhom jew imexxiehom;

4. U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi, malli sar jaf li xi haga li kienet fil-pussess tieghu kienet haga misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistata b'reat, naqas li jgharraf lill-pulizija b'dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta hekk sar jaf.

Rat illi fi stadju ta' interrogatorju wiegeb illi ma kinex hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Rat ukoll illi l-Avukat Generali baghat l-Artikoli skond liema hemm mahseb li tista' tinstab htija, u cioe':
L-Artikoli 261(b)(c)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 271, 278, 279. 280, u 281 tal-Kodici Kriminali;
L-Artikolu 325(1)(c) tal-Kodici Kriminali;
L-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali;

L-Artikolu 340(c) tal-Kodici Kriminali;
L-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat ukoll illi a folio 58 ta' l-atti processwali l-imputat, mibghuta l-imsemmija Artikoli ta l-kusens tieghu ghal proceduri sommarji;

Rat ix-xhieda kollha;

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi mir-relazzjoni ta' Joseph Mallia jirrizulta ben car illi s-subgha l-kbir instab jaqbel ma' l-istess *print* misjuba fuq id-dokument 05BPM308(folio 60), li jirrizulta li hu 'impronta digitali misjuba fuq it-tieqa, minn barra, naha tal-passiggier ta' wara' (folio 25, relazzjoni ta' PC 680 Colin Sheldon DOK PC).

Illi nterrogat darbtejn pero, l-imputat mhux talli nnega s-serqa, anzi kien insistenti li lanqas biss qatt resaq lejn vettura ta' l-ghamla ta' dik misruqa (vide DOK KB u DOK KB1 a folio 10 – 14).

Illi d-derubat Jonathan Ransley (ghalkemm fil-fatt il-vettura hija registrata fuq ommu Laura Randley) xehed dwar ir-res furtiva. Qal illi mill-vettura tieghu nsterqu ID cards,  cwievet, wallet li ma jafx kemm kellu flus fiha, u camera li taha l-valur ta' xi Lm100.00. Dwar id-danni sofferti mill-vettura kkalkula li dan ammont b'kollox ghal Lm20.00 (folio 32).

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti stante dak illi qal l-istess akkuzat fl-istqarrija tieghu u r-rizultanzi ta' Joseph Mallia, ma ghandha l-ebda dubbju mill-htija ta' l-akkuzat u dan wara li rat l-Artikoli 261(b)(c)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 271, 278, 279. 280, u 281 tal-Kodici Kriminali, l-Artikolu 325(1)(c) tal-Kodici Kriminali, l-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, l-Artikolu 340(c) tal-Kodici Kriminali, l-Artikolu 533 tal-Kodici

Kriminali, pero li tqies illi r-reat taht l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta huwa wiehed alternattiv ghar-reat principali tas-serq.

Dwar il-piena rat ukoll illi l-fedina penali ta' l-akkuzat, qieset ukoll illi l-parte leza ma giet qatt ikkompensata ghad-dannu minnha soffert. Tqies li Borg gie moghti anke opportunitajiet li jirriforma ruhu billi ma nghatax piena karcerarja effettiva, pero ta' xejn. Ghaldaqstant qieghda tikkundanna lil Kenneth Borg ghal piena karcerarja ta' ghaxar(10) xhur;
Rat ukol ll-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u qieghda tikkundanna lil Kenneth Borg li fi zmien gimgha mill-lum ihallas is-somma ta' l-ispejjez peritali ghall-ammont ta' seba' mija u sitta u erbghin Ewro (€746).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------